**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 772/00 AJD*

Anthony Previ

vs

Raphael Borg, Tessie Borg u John Borg

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Gunju, 2000, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' mija u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm145.00) rappresentanti danni subiti mill-attur stante li huwa gie aggredit u msawwat mill-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:-

1. Illi t-talba tal-attur ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt  kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi fi kwalsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni mitlub huma tabilhaqq esagerati.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Miriam Previ, tal-konvenuti John Borg, Tessie Borg, Raphael Borg u ta' P.S. 1177 Carmelo Bonello. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh l-ammont ta' mija u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm145.00) rapprezentanti danni kagunati minnhom meta huma aggredewh fid-dar taghhom fit-2 ta' Jannar, 2000.

2. Illi mill-atti processwali u precizament mix-xhieda tal-attur, tal-konvenuti John u Tessie Borg u mir-rapport ta' P.S. 1177 Carmelo Bonello (Dok. CB1) jirrizulta li fit-2 ta' Jannar, 2000, kien hemm tilwima bejn il-partijiet u gew fl-idejn.

3. Illi l-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti ta' kif sehhet il-glieda izda hemm qbil li l-attur kelli griehi f'rasu.

4. Illi dan it-Tribunal m'huwiex ser jidhol fil-mertu dwar id-dinamika tal-glieda u dwar min kien responsabbli u dan ghal zewg ragunijiet (i) kien hemm proceduri kriminali dwar il-glieda in kwistjoni izda nonostante li fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2000, l-attur prometta li ser jesebixxi kopja ta' sentenza tal-Qorti Kriminali dwar proceduri li ttiehdu kontra l-konvenuti, huwa naqas milli jaghmel dan; (ii) fi kwalunkwe kaz l-attur naqas milli jipprova soddisfacentement li d-danni li huwa qed jirreklama effettivament gew ikkawzati lilu mill-konvenuti u bhala konsegwenza tal-glieda li sehhet fit-2 ta' Jannar, 2000.

5. Kull ma rnexxielu jipprova l-attur huwa li fit-2 ta' Jannar, 2000, kien hemm tilwima bejn il-partijiet u bhala konsegwenza ta' din it-tilwima huwa sofra griehi f'rasu.

6. Illi mir-rapport tal-Pulizija (Dok. CB1) jirrizulta li 'Previ had already left for the Cospicua Health Centre where he was medically examined by Dr. Gunther Abela Med. Reg. 2460 and he was found to be suffering from slight injuries in his head'.

7. Illi l-attur qed jallega li huwa beda jsofri b' 'depression' bhala konsegwenza tal-glieda izda ma esibixxa ebda certifikat mediku u ma ressaq ebda prova ohra li ticcertifika dan. L-attur esibixxa ritratti ta' griehi f'rasu izda ma esibiex certifikat mediku li jaghti ndikazzjoni dwar l-entita' u l-konsegwenzi ta' dawn il-griehi. Inoltre l-attur esibixxa riceuta fiskali rilaxxjata minn Dr. Karl Chircop (Dok. AP10) u zewg ricevuti rilaxxjati minn Alpha Pharmacy (Dok. AP10 u Dok. AP13) izda dawn l-ircevuti ma jindikaw bl-ebda mod li l-medikazzjoni li nxtrat kienet necessarja biex tikkura l-griehi kawzati fil-glieda li tifforma l-mertu tal-kawza.

8. Illi l-attur inoltre esibixxa stima ta' arlogg tal-marka SECTOR (Dok. AP11) liema ricevuta ggib id-data tat-12 ta' Gunju, 2000, u cioe' sitt xhur wara li sehhet il-glieda. Apparti l-fatt li fuq din l-istima hemm indikat li din l-istima giet rilaxxjata 'for insurance purposes', irid jinghad ukoll illi mir-rapport tal-Pulizija ma jirrizultax li l-attur irraporta li fil-glieda saritlu hsara f'xi arlogg.

9. Illi mir-rapport tal-Pulizija l-anqas ma jirrizulta li bhala konsegwenza tal-glieda l-attur tkissirlu xi nuccali tax-xemx.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra tieghu.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR